# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 251 – It-Tlieta 28 t'Awwissu, 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-6.00p.m. Ippresieda S-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

## PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Is-Sinj. Mariette Borg
Is-Sur Mario Cachia
Il-Viċi-Sindku s-sur Ryan Callus
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

## TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI
Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta numru 250 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Mario Cachia issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2 FINANZI

**2.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

# 3 PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI

## 3.1 Rural Development Measure 313 – Proġett Tal-Għolja

Is-Sindku qal li l-appell ppreżentat mill-Kunsill ser jinstema' fil-11 ta' Settembru 2012.

## 3.2 Festa Għeneb

Is-Sindku qal li s-sotto-kumitat li organizza l-attività ser jiltaqa' fil-jiem li ġejjin biex jagħmel l-evalwazzjoni ta' din l-attività. Hu qal li l-ewwel reazzjonijiet kienu pożittivi. Minkejja li minħabba l-luttu nazzjonali din kellha tiġi posposta b'ġurnata, xorta waħda l-attendenza kienet waħda sodisfaċenti.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar f'isem il-Kunsilliera Laburisti xtaq juri l-apprezzament tiegħu li s-Sindku ħa d-deċiżjoni li l-attività li tiġi posposta b'rispett lejn il-luttu nazzjonali. Mill-banda l-oħra s-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier Mario Cachia li flimkien miegħu organizza l-attività kif ukoll lill-Kunsillier Jesmond Tanti li għen fl-attività.

Il-Viċi-Sindku filwaqt li qal li din kienet attività oħra ta' ġid għal-lokalità issuġġerixxa li f'attivitajiet simili għandu jitqassam minn qabel il-programm ta' dak li jkun se jsir.

Is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jesplora l-possibbilità li minflok jibda' jinkera palk għal kull attività, il-Kunsill ikollu palk proprjetà tiegħu. Għalhekk is-Sindku ppropona li ssir ħidma f'dan is-sens mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku ppropona wkoll li l-Kunsill għandu jagħmel applikazzjoni mal-Enemalta sabiex fi Pjazza San Nikola jiġi installat meter three phase biex jiġi evitat nuqqas ta' elettriku waqt l-attivitajiet li jorganizza l-Kunsill kif ukoll jiġu ffrankat il-ħlas għall-instalazzjoni u kiri ta' meters temporanji.

Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 3.3 Ħaddiema tal-IPSL

Is-Sindku qal li kien qiegħed jiffinalizza l-lista ta' xogħlijiet li jistgħu isiru minn ħaddiema tal-IPSL li jiġu assenjati temporanjament mal-Kunsill. Huwa qal li jekk il-Kunsilliera jidentifikaw xi xogħolijiet oħrajn, għandhom jgħadduhomlu mill-aktar fis.

## 3.4 Sitwazzjoni f'Għar Lapsi

Is-Sindku qal li l-ħaddiema tal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali qegħdin ikomplu jwettqu s-survey dwar id-diversi boathouses u dan sabiex il-Perit ikun jista' jħejji l-proposti tiegħu għall-bajja ta' Għar Lapsi. Rigward in-naħa ta' Għereq Miżun is-Sindku spjega li ġie identifikat min huwa s-sid tal-art u flimkien mal-Gvern kien ser jagħmlu kuntatt miegħu.

## 3.5 Pedestrian Lights fi Triq Mons. Mikiel Axzzopardi viċin Triq Wied Xkora

Is-Sindku qal li l-Perit Julian borg kien ħejja l-pjanti u fil-jiem li ġejjin issir it-talba lil Transport Malta.

**3.6 Iz-Zuntier tal-Knisja Parrokkjali**

Is-Sindku informal ill-Kunsill li r-rapport dwar il-ħsarat kien qiegħed jiġi finalizzat. Saret ukoll *site visit* minn rappreżentant tal-assikurazzjoni tal-ARRIVA. Huwa qal li jixtieq jirringrazzja lill-Ministeru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali għas-servizz li ta biex ikun jista' jitħejja dan ir-rapport.

**3.7 Żvilupp ta' Radar fil-Fulija, limiti tal-Fawwara**

Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien attenda għal-laqgħa tal-Bord tal-MEPA li matulu ġie diskussa l-applikazzjoni dwar l-iżvilipp ta'radar fil-Fawwara. Is-Sindku spjega kif matul din il-laqgħa huwa ressaq l-oġġezzjonijiet tal-Kunsill Lokali għal dan il-proġett. Huwa qal li għalkemm il-membri tal-bord fehmu u apprezzaw l-oġġezzjonijiet li ressaq il-Kunsill kien valida, mandakollu huma vvutaw b'mod unanimu favur l-applikazzjoni fl-interess nazzjonali.

**3.8 Permess għal Ikla fuq il-Bankina ta' Għar Lapsi**

Is-Sindku u diversi kunsilliera oħrajn esprimew li rċevew diversi ilmenti dwar dan il-permess. Is-Sindku qal li diment li dan il-permess ikun wieħed temporanju dan jista' jerġa' jingħata.

**3.9 Ilment mill-Kunsillier Nicholas Cassar**

Is-Sindku qal li din id-diffikultà tista' u għandha tissolva billi kien deċiż matul l-ippjanar tal-proġett tiġi installata linja tat-telefon fl-ewwel kamra tal-mezzanin.

# 4 KORRISPONDENZA

**4.1 Kollezzjoni ta' Multi dovuti lill-Kunsill**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li korrispondenza mid-DLG qed titlob lill-Kunsili x'passi qed jieħdu biex jinġabru l-multi mhux imħallsa. Il-Kunsill Lokali Siġġiewi għandu 1,044 multa li jammontaw għal €63,418.76 u li xi wħud minnhom imorru lura tnax-il sena.

Is-Sindku qal li din il-materja qed tkun diskussa fil-Kumitat Reġjonali għax il-ġbir tal-ammonti dovuti huma responsabbilità tal-Kumitat Reġjonali. Is-Sindku ppropona li bħala Kunsill għandna ninfurmaw lid-Dipartiment li għaddejjin dawn id-diskussjonijiet.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 5 KUNTRATTI

**5.1 Printing of Periodical LCS/12**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienu daħlu żewġ offerti. Is-Sindku ippropona li dan is-sejħa għall-offerti għandha taqa' u għalhekk il-ħlasijiet marbuta mal-ispejjeż tal-offerta jingħataw lura lill-offerenti.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.2 Street Sweeping & Cleaning LCS 13/12**
**Collection of Bulky Refuse LCS 14/12**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rigward l-ewwel kuntratt ġew ippreżentati sitt offerti filwaqt li għat-tieni kuntratt ġew ippreżentati ħames offerti.

Is-Sindku ippropona li rigward dawn iż-żewġ kuntratti jinħatar bord ta' għażla li jkun iffurmat mis-Sindku, mill-Kunsilliera Mark Vassallo u Jesmond Tanti flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku ppropona li l-bord tal-għażla għandu jintervista lill-offerenti kollha u jagħmel rakkomandazzjoni bil-miktub sabiex tiġi diskussa u approvata mill-Kunsill f'seduta *ad hoc* nhar it-Tlieta 11 ta' Settembru 2012 fis-6.00 p.m.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.3 Planting & Cleaning of Public Spaces LCS 18/12**
**Supervisor of Works LCS 12/12**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rigward l-ewwel kuntratt ġew ippreżentati żewġ offerti filwaqt li għat-tieni kuntratt ġew ippreżentati tlett offerti.

Is-Sindku ippropona li rigward dawn iż-żewġ kuntratti jinħatar bord ta' għażla li jkun iffurmat mis-Sindku, mill-Kunsilliera Mark Vassallo u Nicholas Cassar flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku ppropona li l-bord tal-għażla għandu jintervista lill-offerenti kollha u jagħmel rakkomandazzjoni bil-miktub sabiex tiġi diskussa u approvata mill-Kunsill f'seduta *ad hoc* nhar it-Tlieta 11 ta' Settembru 2012 fis-6.00 p.m.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 6 HWEJJEĠ OHRA

6.1 **Attività Kulturali: Inkoraġġiment tat-tajr tal-karti**

Is-Sindku ippropona li ssir din l-attività li tkun tinvolvi tagħrif ta' kif jista' jsir dan it-tajr kif ukoll esebizzjoni tat-titjir tagħhom.

Il-Kunsillier Mario Cachi issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.2 Bring-in site Triq Dun Manwel Zammit**

Il-Kunsilliera Mariette Borg ressqet l-ilment dwar dan is-sit speċjalment minħabba l-ilment li qed joħolqu lill-familja Sammut. Is-Sindku qal li qabel jiġi diskuss jekk il-Kunsill għandux ineħħi din il-*bring-in site* għandhom jinstabu siti alternattivi fejn jistgħu jitqegħdu l-*bring-in sites*. Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera kollha sabiex jippreżentaw siti alternattivi biex jiġu kkunsidrati mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.3 It-Turiżmu fis-Siġġiewi**

Il-Kunsilliera Mariette Borg talbet il-permess tal-Kunsill biex is-Sur Joeaby Vassallo jippreżenta l-proġett tiegħu "It-Turiżmu fis-Siġġiewi".
Il-preżentazzjon iffukat fuq il-potenzjal li s-Siġġiewi għandu biex jattira turisti lejn il-lokalità u ippropona diversi proġetti.

Fi tmiem il-preżentazzjoni s-Sindku qal li għandna naħdmu fuq proġett pilota marbut mal-Girgenti u għal dan il-għan se ssir laqgħa mas-sur Vassallo flimkien mal-Kunsilliera Borg.

6.4 **Proġett Screens**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien għadu kif attenda laqgħa tal-Eżekuttiv ta' SCREENS li saret fl-Ungerija. Hu informa lill-Kunsill li fil-ġimgħat li ġejjin se jibdew l-attivitajiet marbutin ma' dan il-proġett.

**6.5 Triq l-Imdina**

Dwar it-talba mill-Vici-Sindku sabiex issir bankina minħabba li resident ma jistax jagħlaq il-persjana tiegħu, il-Kunsill qabel li jintbagħat il-perit tal-kunsill sabiex jara kif din tista' ssir mingħajr ma jitnaqqas il-parkeġġ.

**6.6 Parkeġġ fiz-zona ta' Kircippu**

Is-Sur Stephen Aquilina talab meta l-kunsill se jkun qed jikkunsidra l-proposta ta' żieda ta' parkeġġ f'din iz-zona. Il-Viċi-Sindku fakkar li kien ressaq din it-talba quddiem il-kunsill f'seduta ohra. Is-Sindku rrakomanda li din tigi diskussa fil-laqghat li ser isiru ma' diversi postijiet fis-Siggiewi, b'din tkun l-ewwel waħda li ssir f'Settembru.

**6.7 Zebra cross fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi u l-bidu ta' Triq l-Imqabba**

Il-Viċi-Sindku talab li ssir zebra crossing f'dan il-punt peress li numru konsiderevoli ta' persuni jaqsmu din it-triq sabiex jmorru jimxu lejn dawk in-naħat. Huwa talab sabiex isiru l-pjanti mill-perit tal-kunsill. Il-kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.8 Skema għall-persuni b'dizabilità**

Il-Viċi-Sindku rrefera għall-iskema mħabbra mill-Ministeru għall-Ġustizzja, id-Djalogu u l-Familja li permezz tagħha se jiġu mgħejjuna l-Kunsilli Lokali sabiex jkunu jistgħu jħaddmu magħhom persuni bi bżonnijiet speċjali. Hu qal li l-Kunsill huwa fid-dmir li jerfa' ir-responsabbiltà soċjali tiegħu sabiex b'hekk jkun qed jikkontribwixxi sabiex persuni bi bżonnijiet speċjali jigu integrati fis-soċjetà.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għalkemm din tħabbret fil-media, kien għadu ma ġie l-ebda komunikat dwarha mid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali. Il-kunsill qabel b'mod unanimu u din it-tema għandha terġa' titqajjem hekk kif jintbagħtu d-dettalji ta' din l-iskema mill-Ministeru ikkonċernat.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tlieta, 11 ta' Settembru 2012 fis-6.00 p.m bl-unika żewġ punti fuq l-aġenda jkunu l-aġġudikazzjoni tal-offerti marbuta ma' erba' kuntratti kif ukoll il-preżentazzjoni ta' diversi *Bye-laws*. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tlieta, 11 ta' Settembru 2012.**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 1/8/12-28/08/12**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | ian vella | €120.00 | €120.00 | d | pf | singer sport night | 20/08/12 | 200812 | | | 3377 | 9206 |
| 2 | borg bros | €590.00 | €590.00 | d | pf | garr sports day | 21/07/12 | 1698 | | | 3377 | 9204 |
| 3 | arms | €223.27 | €223.27 | d | pf | electricity bowling pitch 9/5/12-6/7/12 | 22/08/12 | 15616495 | | | 2372 | 9203 |
| 4 | 3d | €118.00 | €118.00 | d | pf | distribution flyers | 13/08/12 | 3437 | | | 2930 | 9202 |
| 5 | vodafone | €92.70 | €92.70 | d | pf | 99762218 july12 | 01/08/12 | 3.0709E+12 | | | 2160 | 9201 |
| 6 | greenfields | €90.00 | €90.00 | d | pf | singing festa gheneb | 17/08/12 | 06-Dec | | | 3370 | 9200 |
| 7 | vodafone | €54.53 | €54.53 | d | pf | 99491670 july12 | 01/08/12 | 3.0709E+12 | | | 2160 | 9201 |
| 8 | melchior pace | €70.80 | €70.80 | d | pf | photos sports day | 31/07/12 | 310712-1 | | | 3377 | 9199 |
| 9 | parrocca san nikola | €200.00 | €200.00 | d | pf | armar wirja agrarja | 17/08/12 | 440 | | | 3378 | 9198 |
| 10 | parrocca san nikola | €350.00 | €350.00 | d | pf | mixghela fjakkoli pjazza | 17/08/12 | 439 | | | 3378 | 9198 |
| 11 | vitimalta | €295.00 | €295.00 | d | pf | posters festa gheneb | 13/08/12 | 298-12 | | | 3370 | 9197 |
| 12 | zak | €133.00 | €133.00 | d | pf | underpayment chq9112 | | 1994-96 | | | 3378 | 9161 |
| 13 | pierre farrugia | €50.00 | €50.00 | d | pf | minerals | 18/08/12 | 30 | | | 3310 | 9196 |
| 14 | go | €33.49 | €33.49 | d | pf | 21465799/21465805 july12 | 10/08/12 | 28691456 | | | 2160 | 9179 |
| 15 | go | €34.94 | €34.94 | d | pf | adsl aug12 | 10/08/12 | 28691384 | | | 2160 | 9179 |
| 16 | go | €152.59 | €152.59 | d | pf | 21468874 july12 | 10/08/12 | 28691384 | | | 2160 | 9179 |
| 17 | go | €25.44 | €25.44 | d | pf | 21462946 july12 | 07/08/12 | 289691388 | | | 2160 | 9179 |
| 18 | go | €138.53 | €138.53 | d | pf | 21466000/21466036 july12 | 07/08/12 | 28691403 | | | 2160 | 9179 |
| 19 | nexos | €2,564.66 | €2,564.66 | t | pf | street light repairs | 08/08/12 | 2010355 | | | 2372 | 9195 |
| 20 | nexos | €390.00 | €390.00 | t | pf | leasing stage floodlights sports day | 08/08/12 | 3010396 | | | 3377 | 9195 |
| | **Sub Total c/f** | **€5,726.95** | **€5,726.95** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€5,726.95** | **€5,726.95** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 250 tal-31/07/2012**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 Kunsillier

**Data:** 1/8/12-28/08/12

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | thea garrett | €100.00 | €100.00 | d | pf | performance sports day | 09/08/12 | 6 | | | 3377 | 9168 |
| 22 | kbl signs | €443.21 | €443.21 | d | pf | flyers sports day | 03/08/12 | 3 | | | 3377 | 9194 |
| 23 | enemalta | €40.73 | €40.73 | d | pf | temp serv application milied | 02/07/12 | 02/07/2012 | | | 2372 | 9193 |
| 24 | smart | €217.30 | €217.30 | d | pf | stationery | 06/08/12 | 13033647 | | | 2620 | 9192 |
| 25 | msd | €114.00 | €114.00 | t | pf | traffic mirror | 06/07/12 | 16749 | | | 2313 | 9191 |
| 26 | louis stationery | €46.67 | €46.67 | d | pf | stationery | 06/08/12 | 293 | | | 2620 | 9190 |
| 27 | louis stationery | €316.50 | €316.50 | d | pf | newspapers may-july12 | 06/08/12 | 292 | | | 2640 | 9190 |
| 28 | access point | €236.00 | €236.00 | d | pf | it virtual pack aug12 | 01/08/12 | 2796 | | | 3110 | 9198 |
| 29 | districts | €535.66 | €535.66 | d | pf | patching tal maddalena | 02/08/12 | 2707 | | | 2310 | 9188 |
| 30 | alex camilleri | €847.43 | €805.06 | t | pp | public conveniences july12 | 31/07/12 | 62 | | | 3053 | 9198 |
| 31 | clifford vella | €19.00 | €19.00 | d | pf | books leggendi library | 01/08/12 | 249/12 | | | 2995 | 9186 |
| 32 | antonia aquilina | €107.64 | €107.64 | d | pf | attendance library july12 | 01/08/12 | 7/12. | | | 2995 | 9185 |
| 33 | mita | €56.29 | €56.29 | d | pf | support it 5/6/12 | 31/07/12 | 11*94317 | | | 3110 | 9184 |
| 34 | pinto | €286.63 | €286.63 | k | pf | reception anzjani centru civiku | 21/06/12 | 3669 | | | 3310 | 9183 |
| 35 | doi | €9.32 | €9.32 | d | pf | publication advert tender | 06/08/12 | 10.8.812. | | | 2940 | 9182 |
| 36 | min home affairs | €62.50 | €62.50 | d | pf | publication advert tender | 06/08/12 | 8.8.12. | | | 2940 | 9181 |
| 37 | 3d | €99.12 | €99.12 | d | pf | distribution flyers | 31/07/12 | 3416 | | | 2930 | 9169 |
| 38 | central asphalt | €1,149.24 | €1,149.24 | t | pf | cold asphalt for patching | 31/07/12 | 43961 | | | 2310 | 9180 |
| 39 | ecopure | €4.25 | €4.25 | k | pf | water for dispenser | 13/08/12 | 52451 | | | 2220 | 9178 |
| 40 | guard&warden | €79.20 | €79.20 | d | pf | service 26/8/12 festa gheneb | 26/08/12 | 26.8.12. | | | 3370 | 9177 |
| | **Sub Total c/f** | **€4,770.69** | **€4,728.32** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€5,726.95** | **€5,726.95** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€10,497.64** | **€10,455.27** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 250 tal-31/07/2012**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 1/8/12-28/08/12

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | impressions | €92.04 | €92.04 | d | pf | printing certificates | 24/08/12 | 38883 | | | 3370 | 9176 |
| 42 | cassie cutajar | €115.20 | €115.20 | d | pf | clerikal work saturdays aug12 | 01/09/12 | 08.12. | | | 3065 | 9175 |
| 43 | wasteserv | €4,502.80 | €4,019.17 | t | pp | msw waste july12 | 16/08/12 | 4502.8 | | | 3040 | |
| 44 | karl borg events | €757.56 | €757.56 | d | pf | hire of stage festa gheneb | 27/08/12 | 791 | | 130/12 | 3370 | 9174 |
| 45 | horace enterprises | €420.00 | €420.00 | d | pf | medals sportsd ay | 19/07/12 | 5489 | | | 3377 | 9173 |
| 46 | musiconnect | €177.00 | €177.00 | d | pf | partecipation festa gheneb | 27/08/12 | 141 | | | 3370 | 9171 |
| 47 | mike spiteri | €177.00 | €177.00 | d | pf | partecipation festa gheneb | 26/08/12 | 10/12. | | | 3370 | 9172 |
| 48 | anthony muscat | €354.00 | €354.00 | d | pf | partecipation festa gheneb | 26/08/12 | 26.8.12. | | | 3370 | 9170 |
| 49 | 3d | €118.00 | €118.00 | d | pf | distribution flyers | 24/08/12 | 3450 | | | 2930 | 9169 |
| 50 | 3d | €118.00 | €118.00 | d | pf | distribution flyers | 16/08/12 | 3442 | | | 2930 | 9169 |
| 51 | csd | €269.25 | €269.25 | d | pf | stationery | 27/08/12 | 40682 | | 128/12 | 2620 | 9167 |
| 52 | marmara hotel | €52.00 | €52.00 | d | pf | accomodation budapest screens | 06/08/12 | | | | 3331 | 9166 |
| 53 | airmalta | €407.50 | €407.50 | d | pf | flight budapest screens | 06/08/12 | | | | 3331 | 9166 |
| 54 | n.baldacchino | €97.00 | €97.00 | d | pf | accomodation budapest screens | 06/08/12 | 371100 | | | 3331 | 9166 |
| 55 | n.baldacchino | €122.00 | €122.00 | d | pf | petrol expenses aug12 | 28/08/12 | 08.12. | | | 2760 | 9166 |
| 56 | e.gafa | €700.00 | €700.00 | d | pf | arts & crafts summer course | 28/08/12 | 1/2012. | | | 3371 | 9165 |
| 57 | carmelo sciberras | €531.00 | €531.00 | d | pf | sound system festa gheneb | 28/08/12 | 869 | | | 3370 | 9164 |
| 58 | scouts group | €100.00 | €100.00 | d | pf | partecipation wirja agrarja | 28/08/12 | | | | 3378 | 9163 |
| 59 | charles cassar | €300.00 | €300.00 | d | pf | boxing ring sports day | 21/07/12 | 30 | | | 3377 | 9162 |
| 60 | top choice | €1,503.00 | €1,503.00 | k | pf | 3 cameras and accessories course KLZ | 21/07/12 | 47 | | 126/12 | 2521 | 9205 |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€10,913.35** | **€10,429.72** |
| **Sub Total b/f** | **€10,497.64** | **€10,455.27** |
| **Total** | **€21,410.99** | **€20,884.99** |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 250 tal-31/07/2012**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 Kunsillier

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 1/8/12-28/08/12

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | cir | €1,588.68 | €1,588.68 | d | pf | cir aug12 | 31/08/12 | | | | | 9207 |
| 62 | k.aquilina | €641.83 | €641.83 | d | pf | honoraria aug12 | 31/08/12 | | | | 1100 | |
| 63 | employees | €4,607.71 | €4,607.71 | d | pf | salaries aug12 | 31/08/12 | | | | 1200 | |
| 64 | | | | | | | | | | | | |
| 65 | | | | | | | | | | | | |
| 66 | | | | | | | | | | | | |
| 67 | | | | | | | | | | | | |
| 68 | | | | | | | | | | | | |
| 69 | | | | | | | | | | | | |
| 70 | | | | | | | | | | | | |
| 71 | | | | | | | | | | | | |
| 72 | | | | | | | | | | | | |
| 73 | | | | | | | | | | | | |
| 74 | | | | | | | | | | | | |
| 75 | | | | | | | | | | | | |
| 76 | | | | | | | | | | | | |
| 77 | | | | | | | | | | | | |
| 78 | | | | | | | | | | | | |
| 79 | | | | | | | | | | | | |
| 80 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€6,838.22** | **€6,838.22** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€21,410.99** | **€20,884.99** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€28,249.21** | **€27,723.21** | | | | | | | | | |

0 — Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 250 tal-31/07/2012**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 — Kunsillier